IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2018
COM(2018) 48 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tas-Sistema Komuni ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

Akronimi:

AIR: Rapport Annwali ta’ Implimentazzjoni
PKS: Politika Komuni tas-Sajd
CI: Indikatur tal-Kuntest
CMES: Sistema Komuni ta’ Monitoraġġ u ta’ Evalwazzjoni
CPR: Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni
FES: Fond Ewropew għas-Sajd
FEMS: Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd
EP: Pjan ta’ Evalwazzjoni
FAME: Monitoraġġ u Evalwazzjoni tas-Sajd u tal-Akkwakultura
FI: Indikatur Finanzjarju
SFGS: Strument Finanzjarju għall-Gwida dwar is-Sajd
PMI: Politika Marittima Integrata
MA: Awtorità Maniġerjali
SM: Stat Membru
OI: Indikatur tal-Output
PO: Programm Operazzjonali
RI: Indikatur tar-Riżultat
SFC: Sistema għall-Ġestjoni ta’ Fondi fl-Unjoni Ewropea

Werrej

1 Introduzzjoni 4

2 Is-seba' komponenti tas-Sistema Komuni ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni 5

2.1 Loġika ta' Intervent tal-FEMS 5
2.2 Indikaturi Komuni 5
2.3 Data Kumulattiva dwar l-Operazzjonijiet (Infosys) 6
2.4 Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni (AIR) 7
2.5 Pjan ta' Evalwazzjoni 8
2.6 Evalwazzjonijiet tal-PO tal-FEMS 8
2.7 Qafas tal-Prestazzjoni u Rieżami 9

3 Sejbiet u rakkomandazzjonijiet 9

3.1 Loġika ta' Intervent tal-FEMS 10
3.2 Indikaturi Komuni 10
3.3 Data kumulattiva dwar Operazzjonijiet magħżula għal Finanzjament (Infosys) 11
3.4 Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni (AIR) 12
3.5 Pjan ta' Evalwazzjoni 13
3.6 Evalwazzjonijiet 13
3.7 Qafas tal-Prestazzjoni 14

4 Konklużjoni: l-objettivi tas-CMES se jinkisbu? 14

1 Introduzzjoni

Ir-Regolament dwar il-FEMS[1] jeħtieġ li tiġi stabbilita Sistema Komuni ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni (CMES) għall-operazzjonijiet kofinanzjati mill-FEMS taħt ġestjoni kondiviża[2]. L-iskop ta' dan id-dokument hu li jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tas-CMES. Dan ir-rapport hu meħtieġ kull erba' snin, l-ewwel darba fi tmiem l-2017[3]. Jipprovdi opportunità biex jittieħed kont ta' dak li fih is-sistema tmur tajjeb u ħażin, u jislet tagħlimiet għall-ġejjieni.

L-objettivi tas-CMES huma spjegati fl-Artikolu 108 tar-Regolament dwar il-FEMS kif ġej:

a) li turi l-progress u l-kisbiet tal-PKS u tal-PMI, li jiġi kkunsidrat l-impatt ġenerali u li jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza u r-rilevanza tal-operazzjonijiet tal-FEMS;
b) li tikkontribwixxi għal appoġġ immirat aħjar għall-PKS u għall-PMI;
c) li tappoġġja proċess ta' tagħlim komuni marbut mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni;
d) li tipprovdi evalwazzjonijiet robusti bbażati fuq l-evidenza tal-operazzjonijiet tal-FEMS li jikkontribwixxu għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Biex tikseb dawn l-objettivi, is-Sistema Komuni ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni ġiet iddefinita fir-Regolament, u tikkonsisti f'seba' elementi[4]:

1) Loġika ta' intervent li turi l-interazzjonijiet bejn il-prijoritajiet, l-objettivi speċifiċi u l-miżuri[5].
2) Sett ta' indikaturi komuni[6].
3) Data kumulattiva dwar operazzjonijiet magħżula għal finanzjament[7].
4) Ir-Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni tal-Programm Operazzjonali[8].
5) Il-Pjan ta' Evalwazzjoni[9].
6) L-evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post* u l-attivitajiet ta' evalwazzjoni l-oħra kollha marbuta mal-programm tal-FEMS[10].
7) Ir-rieżami tal-prestazzjoni[11].

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

[2] L-Artikolu 107 tar-Regolament dwar il-FEMS

[3] L-Artikolu 107(4) tar-Regolament dwar il-FEMS

[4] Dawn huma elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1014/2014.

[5] L-Artikoli 18(1)(a) u 116 tar-Regolament dwar il-FEMS

[6] L-Artikolu 109 tar-Regolament dwar il-FEMS. Il-lista ta' indikaturi komuni hi stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1014/2014.

[7] L-Artikolu 97(1)(a) tar-Regolament dwar il-FEMS (rapport tal-Infosys).

[8] L-Artikolu 114 tar-Regolament dwar il-FEMS, li jikkomplementa l-Artikolu 50 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR)

[9] L-Artikolu 115 tar-Regolament dwar il-FEMS flimkien mal-Artikolu 56 tas-CPR

[10] L-Artikoli 115, 116 u 117 tar-Regolament dwar il-FEMS flimkien mal-Artikoli 55, 56 u 57 tas-CPR

[11] L-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Kull wieħed minn dawn l-elementi ġie diskuss mal-Istati Membri (SM) f'laqgħat tal-gruppi ta' esperti[12] u lkoll ġew adottati fil-qafas tar-regolamenti delegati u ta' implimentazzjoni. Dan l-approċċ parteċipattiv tkompla wara l-adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv u l-involviment tal-Awtoritajiet Maniġerjali (MA) fl-iżvilupp ulterjuri tas-CMES għen biex jiġu rfinati l-komponenti tas-CMES filwaqt li jiġi limitat il-piż amministrattiv assoċjat. Dan żgura l-aċċettazzjoni tas-sistema iżda sostna wkoll l-iżvilupp tal-kapaċità ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni fl-MAs u fil-Kummissjoni.

Biex tilħaq l-objettivi tagħha, is-CMES trid tiġi applikata b'mod konsistenti fost l-SM, biex tiġi prodotta data komparabbli li tista' tiġi aggregata u evalwata fil-livell tal-Unjoni Ewropea (UE). Biex tiġi żgurata konsistenza u tkompli tiġi żviluppata s-CMES, il-Kummissjoni stabbiliet faċilità ta' assistenza teknika FAME[13] (Monitoraġġ u Evalwazzjoni tas-Sajd u tal-Akkwakultura) appoġġjata minn kuntrattur estern tul is-seba' snin tal-perjodu ta' programmazzjoni.

2 Is-seba' komponenti tas-Sistema Komuni ta' Monitoraġġ u ta' Evalwazzjoni

2.1 Loġika ta' Intervent tal-FEMS

Il-loġika ta' intervent qed tappoġġja l-introduzzjoni ta' orjentazzjoni msaħħa lejn ir-riżultati fil-FSIE (il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej) għall-perjodu 2014-2020.

Il-loġika ta' intervent tal-FEMS tiddeskrivi r-rabtiet bejn il-livelli differenti tal-programm: il-prijoritajiet tal-Unjoni (UPs), l-Objettivi Speċifiċi u l-miżuri[14]. Tabella li turi dawn ir-rabtiet tqassmet lill-SM f'laqgħa tal-grupp ta' esperti tal-FEMS u din il-loġika ġiet integrata fil-modulu ta' "Programm Operazzjonali" tal-SFC 2014[15].

2.2 Indikaturi Komuni

Ġie stabbilit sett ta' indikaturi komuni, li għandu l-għan li jirrappreżenta l-karatteristiċi ewlenin tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, b'tali mod li jirrifletti l-għanijiet tal-politiki rilevanti tal-UE (PKS, PMI) u jipprovdi konnessjoni mal-istrateġija tal-UE 2020. Dan jiżgura wkoll monitoraġġ u rapportar konsistenti u komparabbli fil-livell tal-UE.

---

[12] Ara d-dokumenti u r-rapport dwar dawn il-laqgħat hawnhekk: https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/emff_mt

[13] L-attivitajiet tal-FAME huma ddefiniti fi Pjan ta' Ħidma Annwali miftiehem mal-Kummissjoni. Għal aktar informazzjoni dwar il-FAME, jekk jogħġbok żur https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/emff/fame_mt

[14] L-Artikoli 18(1)(b) u 116 tar-Regolament dwar il-FEMS.

[15] L-SFC2014 hu l-kanal tal-komunikazzjoni strutturata bejn il-Kummissjoni u l-SM. Il-funzjoni ewlenija tiegħu hu l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni li tikkonċerna l-ġestjoni kondiviża tal-Fondi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Ara: https://ec.europa.eu/sfc/en/2014/about-sfc2014

Is-sett ta' indikaturi komuni użat mill-FEMS ġie diskuss b'mod estensiv mal-SM f'laqgħat tal-grupp ta' esperti qabel l-adozzjoni tiegħu[16]. Fis-CMES jintużaw erba' tipi ta' indikaturi komuni, li jindirizzaw livelli differenti ta' objettivi u li jaqdu skopijiet differenti:

- L-Indikaturi tal-Kuntest (CI) huma marbuta mal-objettivi ġenerali tal-FEMS u jistabbilixxu l-linja bażi fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-PO. Il-FEMS juża 25 CI komuni.
- L-indikaturi tal-output (OI) huma l-prodott dirett tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni. Fil-każ tal-FEMS, dawn huma fil-parti l-kbira espressi bħala numru ta' operazzjonijiet. Is-CMES tal-FEMS tiddefinixxi 28 OI li jkopru l-50 miżura.
- L-Indikaturi tar-Riżultati (RI) ikejlu l-effett gross tal-FEMS. Is-CMES tinvolvi sett ta' 28 RI, li wħud minnhom huma marbuta ma' Objettiv Speċifiku wieħed biss tal-FEMS, mentri oħrajn huma marbuta ma' aktar minn wieħed. L-SM kienu ħielsa li jżidu indikaturi speċifiċi jekk xtaqu jagħmlu dan.
- L-Indikaturi finanzjarji (FI) huma komuni għall-FSIE kollha u huma stabbiliti fil-livell tal-UP.

Ġie ppubblikat dokument ta' ħidma li fih l-indikaturi komuni ġew iddefiniti u saru aktar operazzjonali permezz tal-forniment ta' kriterji ta' ġudizzju u permezz tal-identifikazzjoni tas-sorsi possibbli ta' informazzjoni. Dawn id-definizzjonijiet ġew diskussi b'mod estensiv mal-SM f'żewġ sessjonijiet ta' ħidma li saru f'Marzu u f'Settembru 2016.

2.3 Data Kumulattiva dwar l-Operazzjonijiet (Infosys)

L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u *ex post* tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES, 2007-2013) kienu mxekkla min-nuqqas ta' data robusta tal-monitoraġġ, u b'hekk il-ġbir tad-data kien diffiċli[17]. Ġiet stabbilita sistema ta' rapportar biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas u l-Kummissjoni tiġi pprovduta b'informazzjoni dettaljata fil-livell ta' kull operazzjoni individwali[18]. L-għan ta' dan ir-rapportar hu li joħloq bażi ta' data ta' informazzjoni li tista' tintuża biex tiġi segwita l-implimentazzjoni tal-PO, titwettaq l-analiżi speċifika meħtieġa mit-tfassil tal-politika u jiġi żgurat li jkun hemm data robusta disponibbli għall-evalwazzjoni.

L-Artikolu 97 tar-Regolament dwar il-FEMS jeħtieġ li, fi tmiem Marzu ta' kull sena, l-MAs jipprovdu lill-Kummissjoni b'data kumulattiva dwar l-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament sa tmiem is-sena kalendarja preċedenti. Żewġ Regolamenti ta' Implimentazzjoni[19] jipprovdu l-lista u l-istruttura tad-data dwar l-implimentazzjoni tal-

[16] Is-CDR (UE) Nru 1014/2014 jiddefinixxi Indikaturi tal-Kuntest, Indikaturi tal-Output u Indikaturi tar-Riżultat komuni.

[17] Ġiet stabbilita sistema ta' Infosys simili għall-monitoraġġ tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS), li tkopri l-perjodu 2000-2006. Din is-sistema twaqqfet taħt il-FES.

[18] Biex jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-MAs, is-sistema tuża informazzjoni li diġà hi disponibbli fl-SM.

[19] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1242/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 rigward il-preżentazzjoni ta' data (dejta) kumulattiva rilevanti dwar l-operazzjonijiet u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1243/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti tad-data (dejta) u s-sinerġiji bejn sorsi potenzjali tad-dejta.

operazzjoni meħtieġa dwar kull operazzjoni, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju u tal-operazzjoni.

Ġie żviluppat dokument ta' ħidma bl-appoġġ mill-FAME biex l-SM jiġu megħjuna jħejju r-rapporti tal-Infosys. L-ewwel sett ta' rapporti ġie analizzat u l-feedback għen lill-SM jidentifikaw l-iżbalji li għamlu.

Ir-rapportar tal-Infosys jiddeskrivi l-progress u l-kisbiet fil-livell tal-operazzjoni billi jkopri dak li jkun qed jiġri "fil-prattika". Dan jipprovdi informazzjoni importanti dwar il-benefiċjarju (eż. id-daqs tal-intrapriża, il-ġeneru) u l-operazzjoni (it-tip ta' attivitajiet, il-baġit, in-numru ta' sajjieda kkonċernati, l-erja totali kkonċernata, eċċ.). Biex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-MAs u fuq il-benefiċjarji, ħafna mid-data mitluba mill-Infosys diġà hi maħżuna f'bażijiet ta' data nazzjonali stabbiliti biex tinżamm konformità mad-data minima li għandha tiġi rreġistrata u tinħażen għal kull operazzjoni[20].

2.4 Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni (AIR)

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-PO jinvolvi t-tfassil ta' AIR mill-SM, li għandu jiġi sottomess sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, li jkopri l-perjodu li jasal sa tmiem is-sena kalendarja preċedenti (u għalhekk l-istess perjodu bħar-rapport tal-Infosys). L-AIR[21] jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-programmi, inkluż b'rabta ma' kwistjonijiet importanti, bħall-appoġġ għas-sajd kostali fuq skala żgħira jew għat-tibdil fil-klima. Dan jintuża mill-Kummissjoni u mill-SM biex jirrieżaminaw il-kisbiet u jagħmlu aġġustamenti fejn ikunu meħtieġa. Fih ukoll informazzjoni indikattiva dwar il-finanzi ppjanati fil-livell tal-miżura, li mhix inkluża fil-PO.

L-AIR hu maqsum fi tliet partijiet:

Il-Parti A (li għandha tiġi rrapportata kull sena bejn l-2016 u l-2023) tipprovdi għal, fost l-oħrajn:

- ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni fil-livelli tal-programmi u tal-UP;
- data kumulattiva dwar it-28 Indikatur tar-Riżultati (RI) fil-livell tal-Objettiv Speċifiku;
- data kumulattiva relatata mat-28 Indikatur tal-Output (OI) għal kull waħda mill-50 miżura tal-FEMS;
- data finanzjarja dwar l-implimentazzjoni tal-PO fil-livell tal-miżura;

[20] Din hi stabbilita fil-livell tas-CPR mill-Anness III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

[21] Ara l-Artikolu 114 tar-Regolament 508/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1362/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jistabbilixxi regoli dwar proċedura simplifikata għall-approvazzjoni ta' ċerti emendi għal programmi operazzjonali ffinanzjati mill-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd u regoli li jikkonċernaw il-format u l-preżentazzjoni tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi għall-mudell.

- deskrizzjoni tal-kwistjonijiet li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-programm; kif ukoll
- attivitajiet relatati mal-Pjan ta' Evalwazzjoni, inkluża sinteżi tal-evalwazzjonijiet li tlestew matul is-sena.

Fil-Parti B (inkluża biss fir-rapporti komprensivi li għandhom jiġu sottomessi fl-2017 u fl-2019), l-SM għandhom jirrapportaw ukoll dwar l-aspetti orizzontali tal-implimentazzjoni (il-ġeneru, l-iżvilupp sostenibbli, eċċ.), u dwar l-appoġġ għall-objettivi relatati mat-tibdil fil-klima.

Il-Parti C (inkluża biss fir-rapporti komprensivi li għandhom jiġu sottomessi fl-2019) jenħtieġ li jkun fiha informazzjoni ulterjuri relatata mal-kontribuzzjoni tal-PO għall-kisba tal-objettivi tal-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

2.5 Pjan ta' Evalwazzjoni

Biex tissaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-evalwazzjonijiet lejn programmi effettivi u effiċjenti, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR)[22] jagħmilha obbligatorja li l-MAs ifasslu l-Pjanijiet ta' Evalwazzjoni fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Din hi karatteristika ġdida għall-MAs tal-FEMS, li kellhom jirriflettu dwar il-ħtiġijiet ta' evalwazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' implimentazzjoni u l-mod li bih dawn kienu se jiġu indirizzati.

Il-Pjan ta' Evalwazzjoni jinkludi seba' taqsimiet: l-iskop, l-objettivi, l-attivitajiet, id-dispożizzjonijiet dwar il-governanza, is-sorsi tad-data, l-iskeda ta' żmien indikattiva, u r-riżorsi disponibbli. Linji gwida qosra dwar dawn it-taqsimiet ġew ipprovduti bħala parti mill-mudell tal-PO tal-FEMS.

Għall-kuntrarju tal-Fondi SIE l-oħra, il-pjan ta' evalwazzjoni hu parti mill-PO tal-FEMS[23], peress li dan ippermetta lill-Kummissjoni tivvaluta dawn il-pjanijiet bħala parti mill-proċess ta' negozjar tal-PO.

2.6 Evalwazzjonijiet tal-PO tal-FEMS

L-evalwazzjonijiet huma neċessarji biex jiġu vvalutati l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt tal-finanzjament biex titjieb l-implimentazzjoni tal-programmi u jiġi ddeterminat l-impatt tagħhom. Is-CPR[24] jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-evalwazzjoni fil-fondi SIE kollha, filwaqt li r-Regolament dwar il-FEMS jispeċifika li l-SM iridu jagħmlu evalwazzjoni *ex ante*

[22] L-Artikolu 56(1) tas-CPR

[23] L-Artikolu 18(1) tar-Regolament dwar il-FEMS, u l-mudell tal-PO fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 771/2014 tal-14 ta' Lulju 2014 li jistipula regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-mudell għall-programmi operattivi, fir-rigward tal-istruttura tal-pjanijiet ta' kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda, fir-rigward tal-mudell għat-tażmissjoni ta' dejta finanzjarja, fir-rigward tal-kontenut tar-rapporti ta' evalwazzjoni *ex ante* u r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni li għandu jitressaq fil-qafas tal-FEMS.

[24] L-Artikoli 54–57 tas-CPR.

u evalwazzjonijiet ulterjuri matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, filwaqt li l-Kummissjoni trid tagħmel evalwazzjoni *ex post*, li għandhom jitlestew sa tmiem l-2024[25].

L-evalwazzjoni *ex ante* hi l-unika evalwazzjoni li għamlu l-SM sa issa. L-evalwazzjoni *ex ante*, li tmur lil hinn milli sempliċiment tagħti ritratt tas-sitwazzjoni qabel il-bidu tal-programm, hi meqjusa bħala proċess li jinkludi interazzjonijiet regolari bejn l-MA u l-evalwaturi matul l-istadji differenti tal-iżvilupp tal-PO. Dan il-proċess ġie ddokumentat f'dokument ta' gwida diskuss mal-SM f'laqgħat tal-gruppi ta' esperti.

2.7 Qafas tal-Prestazzjoni u Rieżami

Il-Qafas tal-Prestazzjoni hu waħda mill-għodod użati fi ħdan il-FSIE kollha biex titrawwem orjentazzjoni lejn ir-riżultati[26]. Fil-FEMS, dan hu bbażat fuq sett ta' indikaturi tal-Output u Finanzjarji, li għalihom huma ddefiniti stadji importanti u miri għal kull Prijorità tal-Unjoni. L-Oqfsa tal-Prestazzjoni huma rrapportati fl-AIRs. Il-valutazzjoni tal-istadji importanti fl-2019 se tifforma l-bażi għall-allokazzjoni tar-riżerva tal-prestazzjoni[27], filwaqt li l-kisba tal-miri se tiġi vvalutata fl-2024. Il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' gwida[28] biex tipprovdi lill-MAs dettalji ulterjuri dwar il-mod li bih se tiġi implimentata din il-karatteristika l-ġdida.

Fil-FEMS, il-Qafas tal-Prestazzjoni hu msawwar minn indikaturi finanzjarji (iċċertifikati għall-pagamenti) li jipprovdu indikazzjoni ċara u klassika tal-prestazzjoni tal-implimentazzjoni permezz tal-livell ta' nfiq. Biex jirriflettu l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati mogħtija lill-FSIE, l-indikaturi finanzjarji huma kkomplementati minn indikaturi tal-output. Iż-żewġ settijiet ta' indikaturi jridu juru livell tajjeb ta' progress biex tkun tista' tiġi rilaxxata r-Riżerva tal-Prestazzjoni.

3 Sejbiet u rakkomandazzjonijiet

Dan ir-rapport ġie abbozzat bl-għajnuna tal-Unità ta' Appoġġ tal-FAME, billi jintuża l-feedback mill-MAs tal-FEMS miġbur permezz tas-sessjonijiet ta' ħidma li saru f'Marzu u f'Settembru 2016, minn laqgħa speċifika mal-partijiet ikkonċernati bil-parteċipazzjoni ta' 21 Stat Membru f'Settembru 2017, iżda anki mill-mistoqsijiet indirizzati mill-SM lill-FAME u lill-Kummissjoni matul l-implimentazzjoni tal-Programmi Operazzjonali.

---

[25] L-Artikoli 55, 56 u 57 tas-CPR u l-Artikoli 107, 108, 109, 111, 113, 115, 116, 117 tar-Regolament dwar il-FEMS

[26] L-Artikoli 20-22 u l-Anness II tas-CPR.

[27] Skont l-Artikolu 20(1) tas-CPR, 6% tar-riżorsi allokati għal miżuri ffinanzjati permezz ta' ġestjoni kondiviża fil-FEMS jikkostitwixxu riżerva tal-prestazzjoni li ġiet stabbilita fil-Ftehim ta' Sħubija u fil-PO. Dokument ta' gwida: https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/docs/body/09-performance-framework_en.pdf

[28] Dan id-dokument ta' gwida li jkopri l-Fondi SIE kollha jista' jinstab minn hawnhekk: https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/docs/body/09-performance-framework_en.pdf

It-taqsima ta' hawn taħt tiġbor fiha s-sejbiet relatati mal-implimentazzjoni ta' kull element tas-CMES u, fejn rilevanti, tipproponi rakkomandazzjonijiet biex jitjieb il-funzjonament tas-CMES.

3.1 Loġika ta' Intervent tal-FEMS

Il-loġika ta' intervent tal-FEMS hi ferm adattata għall-istruttura tal-Fond (Prijoritajiet tal-Unjoni - Objettivi Speċifiċi - Miżuri), iżda l-inklużjoni tardiva tal-FEMS taħt l-umbrella tas-CPR kienet teħtieġ rapportar supplimentari fil-livell tal-Objettivi Tematiċi komuni għall-FSIE kollha[29]. Dan żied saff ulterjuri ta' kumplessità għal-loġika ta' intervent u b'hekk ir-rapportar sar aktar diffiċli għall-SM.

Rakkomandazzjonijiet:

- Il-loġika ta' intervent hi element ta' strutturar fis-CMES li jenħtieġ li tinżamm fil-ġejjieni, għad li jenħtieġ li tiġi diskussa b'mod aktar estensiv mal-SM fil-laqgħat tal-gruppi ta' esperti.
- Jenħtieġ li tkun aktar sempliċi u aktar orjentata lejn ir-riżultati, filwaqt li turi biċ-ċar liema miżura jew azzjoni tikkontribwixxi għal liema objettivi u kif din hi mkejla.

3.2 Indikaturi Komuni

Il-kwistjonijiet li ġejjin dehru matul din il-valutazzjoni tal-funzjonament tas-CMES:

- Id-dokument ta' ħidma li jipprovdi definizzjoni ċara tal-indikaturi komuni u informazzjoni dwar il-mod li bih jenħtieġ li dawn jintużaw tqiegħed biss għad-dispożizzjoni pjuttost tard matul il-proċess ta' programmazzjoni. Dan wassal għal nuqqas ta' fehim għal ċerti SM u wħud mill-PO tħejjew billi ntużaw metodi differenti għall-istabbiliment ta' miri dwar ir-riżultati li kienu qed jippjanaw li jiksbu.
- L-indikaturi tar-riżultati huma marbuta mal-objettivi speċifiċi tal-FEMS. L-SM kellhom il-possibbiltà li jiddikjaraw li ċerti indikaturi tar-riżultati taħt objettiv speċifiku partikolari kienu "mhux applikabbli" għal objettiv speċifiku. Din il-possibbiltà ntużat b'mod estensiv u mhux bħala eċċezzjoni. Madankollu, peress li kull objettiv speċifiku tal-FEMS hu kopert minn aktar minn indikatur tar-riżultati komuni wieħed, għadu possibbli li titkejjel il-kontribuzzjoni tal-PO għall-objettiv speċifiku tal-FEMS.
- L-SM kellhom ukoll il-possibbiltà li jużaw l-indikaturi tagħhom stess minflok ma jagħżluhom mil-lista komuni, u din wasslet għal sitwazzjoni li fiha ċerti riżultati ma setgħux jittieħdu f'kunsiderazzjoni kif xieraq fir-rapportar jew jiġu aggregati fil-livell tal-UE.
- Uħud mill-miżuri ftit li xejn kienu koperti minn indikatur tar-riżultati komuni (eż. miżuri relatati mal-innovazzjoni) u mhux dejjem ingħatat kunsiderazzjoni xierqa liż-

[29] L-Artikolu 9 tas-CPR. Il-FEMS jikkontribwixxi għall-Objettivi Tematiċi 3, 4, 6 u 8.

żmien meħtieġ biex effett jimmaterjalizza (eż. żieda fil-profitt nett dovuta għal innovazzjoni). Dan jimplika li ċerti effetti importanti tal-FEMS jaf ma ttiħdux f'kunsiderazzjoni.
- Ċerti indikaturi ġew espressi fi proporzjonijiet[30], il-kalkolu tagħhom hu diffiċli fil-livell operazzjonali, u l-aggregazzjoni tagħhom mhix sinifikattiva.

Rakkomandazzjonijiet:
- Jenħtieġ li l-indikaturi tar-riżultati jiġu espressi dejjem f'numri assoluti fil-monitoraġġ inklużi l-miri u l-linji bażi. Peress li l-indikaturi tar-riżultati tal-FEMS jibbażaw fuq data mill-benefiċjarji tal-FEMS qabel u wara l-operazzjoni, jenħtieġ li jiġu evitati ambigwitajiet fil-proporzjonijiet, fil-perċentwali u fis-sinjal aritmetiku peress li dawn joħolqu żbalji. Pereżempju, jenħtieġ li ż-żieda fil-profitt nett tiġi espressa bħala valuri ta' "qabel" u ta' "wara" u mhux bħala żieda fil-perċentwal.
- Qabel ma jibdew l-eżerċizzju ta' programmazzjoni, jenħtieġ li l-SM jirċievu qafas metodoloġiku mingħand il-Kummissjoni dwar id-definizzjonijiet tal-indikaturi u dwar il-metodi ta' kalkolu li għandhom jintużaw għall-istabbiliment tal-miri.
- Biex tiġi pprovduta stampa ġenerali tal-użu tal-fondi u biex tkun tista' ssir aggregazzjoni sinifikattiva fil-livell tal-UE, jenħtieġ li l-indikaturi komuni jkopru l-investimenti kollha.
  Madankollu, jenħtieġ li l-SM jkollhom il-flessibilità li jużaw indikaturi supplimentari li għandhom jintużaw fil-livell nazzjonali.

3.3 Data kumulattiva dwar Operazzjonijiet magħżula għal Finanzjament (Infosys)

L-Infosys hi għodda importanti għall-MAs għaliex tista' tintuża bħala "daxxbord" biex jivverifikaw il-progress tal-implimentazzjoni. Hi siewja għall-Kummissjoni għaliex tipprovdi informazzjoni dwar il-kisbiet tal-FEMS ferm qabel ma jkunu jistgħu jiġu rrapportati b'mod sinifikattiv l-ewwel valuri tal-RI. Se tkun għodda partikolarment siewja għall-SM meta jagħmlu l-evalwazzjonijiet wara l-2018 peress li din se tiżgura li jkun hemm sett ta' data bażiku iżda robust għad-dispożizzjoni għall-evalwaturi.
Il-problemi bl-Infosys jinkludu dawn li ġejjin:

- Fir-rapporti tal-Infosys, mhuwiex possibbli li ssir distinzjoni bejn l-oqsma li jitħallew vojta apposta minħabba omissjonijiet negliġenti, peress li l-istruttura tal-Infosys ma ppermettietx li jitniżżel "mhux applikabbli" bħala tweġiba għal ċerti attributi.
- Linja bażi hi l-valur ta' indikatur qabel il-bidu ta' operazzjoni (eż. numru ta' Ekwivalenti għal Full-Time eżistenti f'SME) u tifforma punt ta' riferiment li miegħu

[30] Pereżempju: "Tibdil fil-% ta' flotot mhux ibbilanċjati" jew "Tibdil f'qabdiet inċidentali (%)". Dawn iż-żewġ indikaturi jeħtieġu kalkolu u linja bażi.

jista' jitkejjel il-progress. Il-linji bażi mhumiex disponibbli fir-rapporti tal-Infosys, minkejja l-fatt li dawn dejjem jintalbu mingħand applikanti mill-MAs biex ikunu jistgħu jivvalutaw l-applikazzjonijiet għal finanzjament u huma element obbligatorju tas-sistema nazzjonali ta' monitoraġġ[31].

- L-Infosys teħtieġ li dawk li japplikaw għal finanzjament jipprovdu stima tar-riżultat li jaħsbu li se jiksbu bl-operazzjoni tagħhom. Imbagħad din l-istima tiġi vverifikata mill-MAs wara li jitlesta l-proġett. L-MAs se jingħataw appoġġ metodoloġiku għal dan it-tieni stadju biex tiġi żgurata r-robustezza tal-validazzjoni.

Rakkomandazzjonijiet:

- Jenħtieġ li l-Infosys titkompla fil-ġejjieni peress li din tipprovdi informazzjoni tassew importanti filwaqt li tiġġenera input amministrattiv limitat biss mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri.
- Jenħtieġ li l-linji bażi jiġu inklużi fir-rapporti tal-Infosys.
- Jenħtieġ li l-utenti jkollhom il-possibbiltà li jużaw "mhux applikabbli" meta xieraq filwaqt li jżidu nota ta' spjegazzjoni.

3.4 Rapport Annwali ta' Implimentazzjoni (AIR)

Għall-kuntrarju tal-Infosys, l-AIRs jiġu sottomessi permezz tal-SFC billi jintuża fluss ta' ħidma strutturat u dawn iridu jiġu aċċettati mill-Kummissjoni. Jistgħu jinqalgħu tipi differenti ta' problemi matul il-valutazzjoni ta' dawn ir-rapporti mill-Kummissjoni, li jistgħu jwasslu għal dewmien sostanzjali. B'mod partikolari, jenħtieġ li ma jkun hemm ebda diskrepanza bejn l-informazzjoni diżaggregata pprovduta fl-Infosys u l-valuri aggregati inklużi fl-AIR peress li ż-żewġ rapporti jkopru l-istess perjodu.

Għall-Fondi SIE kollha, informazzjoni importanti miksuba mill-AIR titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali fuq il-Portal tad-Data Miftuħa pprovdut mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata trasparenza fl-użu tal-Fondi[32]. Data finanzjarja dwar l-implimentazzjoni tal-FEMS hi disponibbli biss annwalment fl-AIR, filwaqt li l-Kummissjoni tirċievi informazzjoni dwar il-FEŻR, il-FSE u l-FAEŻR tliet darbiet fis-sena. Għaldaqstant, l-informazzjoni ppubblikata fuq l-ODP hi aktar aġġornata għal dawn il-Fondi milli għall-FEMS.

Rakkomandazzjonijiet:

- Jenħtieġ li titqiegħed għad-dispożizzjoni gwida biex l-SM jiġu megħjuna fir-rapportar tagħhom.

[31] Kif mitlub mis-CDA 480/2014.

[32] L-ODP hu sit web li fuqu l-informazzjoni importanti dwar l-implimentazzjoni tal-FSIE tiġi pprovduta grafikament. Is-settijiet ta' data kollha użati għal dawn l-illustrazzjonijiet jistgħu jitniżżlu u jintużaw mill-membri tal-pubbliku. Ara https://cohesiondata.ec.europa.eu/

- Jenħtieġ li tiġi żgurata komplementarjetà aħjar bejn l-Infosys u l-AIR.
- Jenħtieġ li r-rapportar dwar l-implimentazzjoni finanzjarja jiġi alinjat bejn il-Fondi.

3.5 Pjan ta' Evalwazzjoni

Il-Pjanijiet ta' Evalwazzjoni jvarjaw fit-tul, fid-dettall u fil-kwalità, u spiss jippreżentaw biss l-informazzjoni minima meħtieġa. L-MAs taw prijorità lil taqsimiet oħra tal-PO u kultant il-Pjanijiet ta' Evalwazzjoni ġew injorati u abbozzati malajr. Il-baġit allokat għall-evalwazzjonijiet ivarja b'mod sostanzjali, u jirrifletti proporzjonalità tat-trattament: SM b'diversi reġjuni għandhom baġit ogħla b'mod sinifikanti għall-finijiet ta' evalwazzjoni meta mqabbla ma' SM b'PO tal-FEMS żgħir u b'diviżjonijiet reġjonali iżgħar jew ineżistenti biss.

Rakkomandazzjonijiet:

- Jenħtieġ li l-Pjan ta' Evalwazzjoni inkluż fil-PO jenfasizza biss il-governanza tal-proċess ta' evalwazzjoni, jipprovdi ppjanar bażiku taż-żmien u allokazzjoni indikattiva tar-riżorsi.
- Biex tinżamm il-flessibilità u jiġu evitati diversi modifiki tal-PO, jenħtieġ li l-ippjanar aktar dettaljat jitħalla għal stadju aktar tard, billi jintużaw il-pjanijiet aġġornati adottati mill-Kumitat ta' Monitoraġġ bħalma jsir għall-FSIE l-oħrajn.

3.6 Evalwazzjonijiet

F'April 2017, il-maġġoranza tal-SM kienet għadha ma bdietx bl-evalwazzjonijiet, peress li qieset li l-livell ta' implimentazzjoni kien baxx wisq biex jipprovdi bażi għal riżultati sostanzjali tal-evalwazzjoni. Għaldaqstant għadu kmieni wisq biex jinħarġu konklużjonijiet dwar dan il-komponent tas-CMES.

Il-proċess tal-evalwazzjoni *ex ante* hu ppreżentat fil-PO iżda b'mod sintetiku ħafna li jista' jkollu bżonn jittejjeb. Ġeneralment it-timijiet tal-evalwazzjoni *ex ante* ma kinux involuti fil-fażi ta' negozjar tal-PO jew tal-finalizzazzjoni tagħhom u ma setgħux jipprovdu valutazzjoni tal-verżjoni finali tal-PO.

Problema speċifika fl-evalwazzjoni tal-FEMS hi d-diffikultà li jinstabu evalwaturi bil-kompetenza ġusta kemm fis-sajd kif ukoll fil-metodoloġiji ta' evalwazzjoni: din tista' tinstab biss f'tim ta' individwi b'ħiliet komplementarji.

Il-gwida hi meħtieġa wkoll biex l-SM jiġu appoġġjati meta jagħmlu evalwazzjonijiet tal-effettività jew tal-impatt. Din se tkun partikolarment importanti meta l-Kummissjoni tagħmel l-evalwazzjoni *ex post* li jenħtieġ li tkun ibbażata fuq sett ta' evalwazzjonijiet nazzjonali robusti.

Rakkomandazzjonijiet:

- Jenħtieġ li l-gwida dwar l-evalwazzjoni *ex ante* tkun aktar dettaljata u tinkludi fiha definizzjoni tar-rwol tal-evalwaturi *ex ante* fil-finalizzazzjoni tal-PO.
- Jenħtieġ li l-SM ifittxu li jgħaqqdu t-tipi differenti ta' kompetenza meħtieġa f'tim *ad hoc* ta' evalwaturi
- Jenħtieġ li jitqiegħed għad-dispożizzjoni malajr qafas metodoloġiku dwar l-evalwazzjoni.

3.7 Qafas tal-Prestazzjoni

L-indikaturi tal-output fil-Qafas tal-Prestazzjoni jridu jiġu ddefiniti b'għaqal biex jiġi evitat nuqqas ta' fehim: l-indikaturi tal-output huma primarjament in-numru ta' operazzjonijiet magħżula taħt ċerti miżuri, numru li jista' jkun influwenzat minn fatturi esterni.

Il-metodu ta' kalkolu użat għall-indikaturi finanzjarji hu ddefinit fis-CPR, iżda qajjem ħafna mistoqsijiet mill-SM. Dan aktarx li jirrifletti t-terminoloġija u l-metodi ta' rapportar differenti applikati mill-Fondi differenti.

Rakkomandazzjonijiet:

- Jenħtieġ li l-indikaturi finanzjarji jkunu simili u komparabbli fil-FSIE kollha.
- Jenħtieġ li l-użu tal-indikaturi tal-output jiġi vvalutat aħjar
- Jaf ikun siewi li l-Qafas tal-Prestazzjoni jiġi kkomplementat bi spjegazzjonijiet.

4 Konklużjoni: l-objettivi tas-CMES se jinkisbu?

Dan ir-rapport ta' rendikont tas-sitwazzjoni jindika li qed isir progress fl-erba' objettivi tas-CMES iżda li hemm bżonn li jsir aktar xogħol biex jinkisbu bis-sħiħ.

Is-CMES tfasslet biex tivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tal-FMES u tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet f'dan ir-rigward kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. L-użu ta' indikaturi komuni u s-sistema l-ġdida ta' monitoraġġ jipprovdu sett robust ta' data li jista' jintuża għall-fini ta' monitoraġġ iżda anki għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Minkejja sensiela ta' nuqqasijiet u ta' problemi żgħar f'livelli differenti li żammew funzjonament ottimali tas-sistema fl-istadji inizjali, il-problemi ġew identifikati u solvuti waħda waħda f'kooperazzjoni mal-SM.

Id-data kumulattiva dwar l-operazzjonijiet fornita mill-SM permezz tar-rapportar tal-Infosys tipprovdi "daxxbord" li jippermetti lill-Kummissjoni u lill-SM jissorveljaw aħjar il-progress li qed isir fl-implimentazzjoni tal-FEMS. Tippermetti wkoll lill-Kummissjoni toħroġ konklużjonijiet fil-livell tal-UE, tal-baċir tal-baħar u trans-SM, u diġà wriet kemm hi siewja biex tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet.

L-istruttura attwali tas-CMES tipprovdi data siewja għall-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' din għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd u għall-objettivi tal-UE 2020 kif imsarrfa fl-Objettivi Tematiċi. Madankollu, jistgħu jkunu meħtieġa riċerka u analiżi ulterjuri f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-FEMS għal prijoritajiet relatati mal-Politika Komuni tas-Sajd jew mal-Politika Marittima, bħall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art jew il-ġlieda kontra l-iskart fil-baħar. It-teħid f'kunsiderazzjoni tal-kosteffettività u tal-ħtieġa għal proporzjonalità jkun ta' għajnuna jekk CMES futura tkun tinkludi indikaturi li huma relatati aktar mill-qrib ma' dawn il-politiki.

L-objettiv ta' trawwim ta' proċess ta' tagħlim komuni li jinvolvi lill-Kummissjoni u lill-SM kien ċentrali għall-iżvilupp tas-sistema sa mill-bidu nett. Kull element ġie diskuss b'mod estensiv mal-SM u ġiet stabbilita l-Unità ta' Appoġġ tal-FAME biex tissaħħaħ din id-dimensjoni.

Finalment, għadhom ma ġewx iffinalizzati evalwazzjonijiet minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-FEMS. Bħalissa qed jiġi żviluppat dokument ta' ħidma li se jipprovdi lill-Istati Membri bi gwida u bi spjegazzjonijiet għall-evalwazzjonijiet tagħhom, li jenħtieġ li jibdew fl-2018. Jenħtieġ li l-indikaturi komuni u d-data tal-Infosys ikunu ta' għajnuna kbira biex jinkisbu evalwazzjonijiet robusti fil-futur qarib.